MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 403/2011

**Pawlu Borg**
**vs**
**Antoine Borg**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur tas-26 ta' April 2011 li jghid hekk:

L-imsemmi Pawlu Borg jikkonferma bil-gurament is-segwenti fatti Ii jafhom personalment:

1. Illi il-kontendenti odjerni kienu dahlu f'zewg kontrattazzjonijiet skritti fejn il-konvenut kien ha b'titolu ta' mutwu, ossija b'self, is-somma globali fl-ammont ta' €34,940.60c (allura Lm15,000.00c) minghand l-attur, bil-kundizzjonijiet u bil-pattijiet delinejati flz- zewg skritturi rispettivi;

2. Illi l-ewwel skrittura kienet dik datata 18 ta' Novembru, 2005 fejn il-konvenut ircieva b'titolu ta' self minghand l-

attur is-somma ta' €23,293.73c (allura Lm10,000.00c), hekk kif soggetta, *inter alia,* ghar-rata annwa ta' interessi bil-5% u bil-penali ta' €9.32c (allura Lm4.00c) gurnaljiera f'kaz ta' inadempjenza tal-konvenut;

3. Illi t-tieni skrittura kienet dik datata 16 ta' Jannar, 2006 fejn il-konvenut kompla rcieva b'titolu ta' self minghand l-attur is-somma ta' €11,646.87c (allura Lm5,000.00c), hekk kif soggetta, *inter alia,* ghar-rata annwa ta' interessi bil-5% u bil-penali ta' €9.32c (allura Lm4.00c) gurnaljiera fkaz ta' inadempjenza tal-konvenut;

4. Illi meta msejjah ghalbiex jibda' jadempixxi l-obbligazzjoni ta' restituzzjoni tal-kreditu hekk kif mifthiem fl-iskritturi appena deskritti u sabiex jirrispetta t-termini hemm fihom koncessi, il-konvenut baqa' passiv, statiku w inadempjenti. Ghalhekk l-attur kien interpella formalment lill-konvenut tramite att gudizzjarju datat 7 ta' Dicembru, 2007 lill-istess notifikat fit-12 ta' Dicembru, 2007;

5. Illi nonostanti tali interpellazzjoni gudizzjarja w in-notifika taghha, il-konvenut qatt ma resaq biex jeffettwa pagament, la *in partem* u anqas *in toto;*

6. Illi ghalhekk llum-il gurnata, l-ammont globali li hu spettanti lill-attur in virtu tal-imsemmija stipulazzjonijiet kontrattwali mifthiema bejn il-partijiet jammonta ghal €67,265.60c (ekwivalenti ghal Lm28,877.13c), u dan skond il-konteggi u komputazzjonijiet li jinsabu mfissra fl-anness prospett mahluf;

7. Illi l-indikat ammont jikkostitwixxi dejn li l-konvenut ghandu pendenti *versu* l-attur u tali dejn hu wiehed cert, likwidu u dovut hekk kif jirrizulta wkoll mid-dikjarazzjoni guramentata hawn annessa;

8. Illi, sa fejn naf jien, il-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet x'jissolleva u x'jaghti kontra l-prezenti talba attrici;

9. Illi ghalhekk jiena kelli niftah il-prezenti proceduri sabiex nezigi u nottjeni l-pagament tal-ammont hawn fuq indikat fil-paragrafu 6;

RAGUNI TAT-TALBA

I. Illi il-kontendenti odjerni kienu dahlu f'zewg kontrattazzjonijiet skritti fejn il-konvenut kien ha b'titolu ta' mutwu, ossija b'self, is-somma globali fl-ammont ta' €34,940.60c (allura Lm15,000.00c) minghand l-attur, bil-kundizzjonijiet u bil-pattijiet delinejati fiz-zewg skritturi rispettivi;

II. Illi l-ewwel skrittura kienet dik datata 18 ta' Novembru, 2005 fejn il-konvenut ircieva b'titolu ta' self minghand l-attur is-somma ta' €23,293.73c (allura Lm10,000.00c), hekk kif soggetta, *inter alia*, ghar-rata annwa ta' interessi bil-5% u bil-penali ta' €9.32c (allura Lm4.00c) gurnaljiera f'kaz ta' inadempjenza tal-konvenut (*vide* "Dok: X.1" hawn anness);

III. Illi t-tieni skrittura kienet dik datata 16 ta' Jannar, 2006 fejn il-konvenut kompla rcieva b'titolu ta' self minghand l-attur is-somma ta' €11,646.87c (allura Lm5,000.00c), hekk kif soggetta, *inter alia*, ghar-rata annwa ta' interessi bil-5% u bil-penali ta' €9.32c (allura Lm4.00c) gurnaljiera f'kaz ta' inadempjenza tal-konvenut (*vide* "Dok: X.2" hawn anness);

IV. Illi meta msejjah ghalbiex jibda' jadempixxi l-obbligazzjoni ta' restituzzjoni tal-kreditu hekk kif mifthiem fl-iskritturi appena deskritti u sabiex jirrispetta t-termini hemm fihom koncessi, il-konvenut baqa' passiv, statiku w inadempjenti. Ghalhekk l-attur kien interpella formalment lill-konvenut tramite att gudizzjarju datat 7 ta' Dicembru, 2007 lill-istess notifikat fit-12 ta' Dicembru, 2007 (*vide* "Dok: X.3" hawn anness);

V. Illi nonostanti tali interpellazzjoni gudizzjarja w in-notifika taghha, il-konvenut qatt ma resaq biex jeffettwa pagament, la *in partem* u anqas *in toto*;

VI. Illi ghalhekk llum-il gurnata, l-ammont globali li hu spettanti lill-attur in virtù tal-imsemmija stipulazzjonijiet kontrattwali mifthiema bejn il-partijiet jammonta ghal €67,265.60c (ekwivalenti ghal Lm28,877.13c), u dan skond il-konteggi u komputazzjonijiet li jinsabu mfissra fl-anness prospett mahluf (*vide* “Dok: X.4”);

VII. Illi l-indikat ammont jikkostitwixxi dejn li l-konvenut ghandu pendenti *versu* l-attur u tali dejn hu wiehed cert, likwidu u dovut hekk kif jirriżulta wkoll mid-dikjarazzjoni guramentata hawn annessa u markata bhala “Dok: X”;

VIII. Illi, sa fejn jaf l-attur, il-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet x’jissolleva u x’jaghti kontra l-prezenti talba attrici;

IX. Illi ghalhekk l-attur kellu jiftah il-prezenti proceduri sabiex jezigi u jottjeni l-pagament ta’ l-ammont hawn fuq indikat fil-paragrafu VI;

TALBIET
Ighid ghalhekk il-konvenut ghaliex ma ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Fl-ewwel lok, tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh *ai termini* tal-artikolu 167 *et seq* tal-*Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili* (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta) *in vista* tad-dikjarazzjoni guramentata hawn annessa u mmarkata bhala “Dok: X”; u

2. Fit-tieni lok, tiddikjara lill-konvenut bhala debitu *versu* l-attur fl-ammont ta’ seba’ u sittin elf mitejn hamsa u sittin ewro u sittin centezmu (€67,265.60c) li qabel kienu jekwivalu ghal Lm28,877.13c;

3. Fit-tielet lok, tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-imsemmi ammont ta’ seba’ u sittin elf mitejn hamsa u sittin ewro u sittin centezmu (€67,265.60c);

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 7 ta' Dicembru, 2007 kontra l-konvenut u bl-interessi bir-rata ta' 8% skond il-Ligi dekorribbli mid-data tan-notifika tal-prezenti att gudizzjarju sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess konvenut;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat li l-konvenut debitament notifikat u baqa' kontumaci;

Semghet lill-attur li fil-waqt li kkonferma bil-gurament il-kontenut tar-rikors guramentat iddikjara illi mill-ammont mitlub cioe ta' €67,265.60 hu ma thallas xejn sallum;

Il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lil konvenut jhallas lil attur l-ammont ta' seba' u sittin elf, mitejn u hamsa u sittin ewro u sittin (€67,265.60), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kollha kif mitluba sal-jum tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------